ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 56

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

22 ta' Frar 2011

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2011/C 56/01 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew . . . . . 1

OPINJONIJIET

**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

2011/C 56/02 Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill – "Il-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur" . . . . . 2

MT

**Prezz:**
**EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 56/03 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati tal-oriġini fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 891/2009 ... 7

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2011/C 56/04 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2011 li taħtar u tissostwixxi l-membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (CEDEFOP) ... 8

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 56/05 Rata tal-kambju tal-euro ... 9

2011/C 56/06 Notifika tal-Kummissjoi dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għas-27 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Marzu 2011 *(Ippublikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))* 10

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tal-15 ta' Frar 2011**

**dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**

(2011/C 56/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 283(2) u 139(2)(h) tiegħu, u l-Artikoli 11.2 u 42.3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LILL-KUNSILL EWROPEW:

Sabiex jaħtar lis-Sur Peter PRAET bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2011.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MATOLCSY Gy.

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill – "Il-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur"

(2011/C 56/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1],

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### I. INTRODUZZJONI

1. Fl-20 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni intitolata "Il-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur" [3]. Il-Komunikazzjoni timmira li tipprovdi "l-elementi l-aktar ċentrali ta' valutazzjoni politika tal-Istrateġija Kontra t-Terroriżmu li qed tħaddem l-UE bħalissa", u tikkostitwixxi wkoll element tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna [4]. Hija tevalwa l-kisbiet li saru fil-passat u tfassal l-isfidi tal-ġejjieni u l-linji politiċi għall-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu.

2. Ħafna mill-inizjattivi msemmija fil-Komunikazzjoni diġà kienu s-suġġett ta' opinjonijiet jew kummenti speċifiċi tal-KEPD. Madankollu din il-Komunikazzjoni tippreżenta perspettiva politika wiesgħa u orjentazzjonijiet fit-tul li jiġġustifikaw l-għoti ta' opinjoni ddedikata mill-KEPD.

3. Għalhekk din l-opinjoni timmira li tikkontribwixxi favur għażliet politiċi aktar fundamentali f'qasam fejn l-użu tal-informazzjoni personali huwa fl-istess ħin kruċjali, kbir ħafna u partikolarment sensittiv.

4. L-opinjoni ma tikkummentax fuq l-aktar Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, jiġifieri "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura", li ġiet adottata fit-22 ta' Novembru 2010. [5] Din il-Komunikazzjoni ser tiġi analizzata mill-KEPD f'opinjoni separata li għandha terġa' tittratta wkoll il-ħtieġa li jkun hemm rabtiet ċari bejn dokumenti differenti.

5. F'din l-opinjoni l-KEPD janalizza l-elementi differenti tal-Komunikazzjoni, filwaqt li jagħti pariri u rakkomandazzjonijiet sabiex jiżgura d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali fil-qasam tal-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu, speċjalment meta jiġi biex jittratta l-isfidi ġejjiena u jiżviluppa orjentazzjonijiet politiċi ġodda.

### II. ANALIŻI TAL-KOMUNIKAZZJONI U L-KWISTJONIJIET RELEVANTI TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA

6. Billi tibni fuq l-istruttura tal-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu [6], il-Komunikazzjoni l-ewwel tanalizza l-erba' oqsma ewlenin tal-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu: prevenzjoni, protezzjoni, segwitu u rispons. Imbagħad kapitolu speċifiku minnha jittratta xi kwistjonijiet orizzontali, jiġifieri r-rispett lejn id-drittijiet fundamentali, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-finanzjament.

(1) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
(2) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
(3) COM(2010) 386 finali.
(4) Ara l-paġna 2 tal-Komunikazzjoni.
(5) COM(2010) 673 finali.
(6) Dok. 14469/4/05 tat-30 ta' Novembru 2005.

1. **Prevenzjoni, Protezzjoni, Segwitu, Rispons u l-ħtieġa tal-inkorporazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data**

7. Il-"Prevenzjoni" tinkludi firxa wiesgħa ta' attivitajiet, li jvarjaw mill-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ingaġġ għat-trattament mal-mod kif it-terroristi jużaw l-internet. F'dan il-kuntest il-Komunikazzjoni ssemmi, fost il-kisbiet ewlenin, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li ġiet adottata fl-2002 ([1]) u emendata fl-2008 ([2]).

8. Il-"Protezzjoni" tal-persuni u l-infrastruttura hija wkoll suġġett wiesa' ħafna, li jinkludi inizjattivi dwar is-sigurtà fil-fruntieri, is-sigurtà fit-trasport, il-kontroll ta' prekursuri għall-isplussivi, il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika u t-tisħiħ tal-katina tal-provvista.

9. Is-"Segwitu" jinkludi l-ġbir tal-informazzjoni, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-finanzjament u kontra l-attivitajiet tat-terroriżmu. L-isfidi tal-ġejjieni f'dan is-settur huma t-twaqqif ta' qafas PNR tal-UE ([3]), l-użu tal-Artikolu 75 tat-TFUE biex jiġi żviluppat qafas għall-iffriżar tal-fondi u l-assi finanzjarji, kif ukoll rikonoxximent reċiproku fil-ksib tal-evidenza fi kwistjonijiet kriminali.

10. Ir-"Rispons" jirreferi għall-kapaċità li jiġu ttrattati l-konsegwenzi ta' attakk terroristiku, u jinkludi l-għoti ta' assistenza lill-vittmi tat-terroriżmu.

11. Dawn l-oqsma kollha jippreżentaw rabtiet b'saħħithom ma' inizjattivi li l-KEPD diġà ħa pożizzjoni fuqhom: il-Programm ta' Stokkolma, miżuri restrittivi u l-iffriżar tal-assi, iż-żamma tad-data, skanners tas-sigurtà, prekursuri għall-armi, il-bijometrika, id-Deċiżjoni ta' Prüm, ir-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri, il-ftehim tat-TFTP, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, il-ġestjoni integrata tal-fruntieri, is-Sistema tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-UE u l-iskambju transkonfinali tal-evidenza.

12. Mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data l-"prevenzjoni" u l-"protezzjoni" huma l-aktar oqsma delikati, u dan minħabba diversi raġunijiet.

13. L-ewwel nett, dawn l-oqsma huma definittivament ibbażati fuq valutazzjonijiet tar-riskji prospettivi, li f'ħafna każi jwasslu għall-ipproċessar wiesa' u "preventiv" ta' ammonti vasti ta' informazzjoni personali dwar ċittadini li mhumiex suspettati (bħal, pereżempju, skrinjar bl-internet, fruntieri elettroniċi u skanners tas-sigurtà).

14. It-tieni, il-Komunikazzjoni tipprevedi li żżid is-sħubiji bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-kumpaniji privati (bħal fornituri ta' servizzi tal-internet, istituzzjonijiet finanzjarji u kumpaniji tat-trasport) bil-għan li taqsam l-informazzjoni relevanti u xi drabi "tiddelegalhom" ċerti partijiet mill-kompiti ta' infurzar tal-liġi. Dan jinvolvi l-użu miżjud tad-data personali, miġbura mill-kumpaniji privati għal finijiet kummerċjali, għall-użu mill-awtoritajiet pubbliċi għal finijiet tal-infurzar tal-liġi.

15. Bosta mill-inizjattivi ttieħdu, ħafna drabi bħala rispons rapidu għal inċidenti terroristiċi, mingħajr ma tqiesu bir-reqqa d-duplikazzjonijiet possibbli jew id-duplikazzjoni mal-miżuri diġà eżistenti. F'xi każi, anki ftit snin wara d-dħul tagħhom fis-seħħ, baqa' ma ġiex stabbilit kemm l-invażjoni tal-privatezza taċ-ċittadini li tirriżulta minn dawn il-miżuri kienet tabilħaqq meħtieġa fil-każi kollha.

16. Barra minn hekk, l-użu "preventiv" tad-data personali għandu probabbiltà akbar li jwassal għal diskriminazzjoni. L-analiżi preventiva tal-informazzjoni tinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' data personali relatata ma' kategoriji wiesgħa ta' individwi (pereżempju, il-passiġġieri kollha, l-utenti kollha tal-internet) irrispettivament minn kull suspett speċifiku li jista' jkun hemm dwarhom. L-analiżi ta' din id-data – speċjalment jekk flimkien ma' tekniki ta' estrazzjoni tad-data – tista' twassal biex persuni innoċenti jitqiesu bħala suspettati sempliċiment minħabba li l-profil (l-età, is-sess, ir-reliġjon, eċċ.) u/jew ix-xejriet tagħhom (pereżempju, fl-ivvjaġġar, fl-użu tal-internet, eċċ.) jinzertaw jaqblu ma' dawk ta' persuni li jkunu konnessi mat-terroriżmu jew li jkunu suspettati li huma konnessi. Għalhekk, partikolarment f'dan il-kuntest, l-użu illegali jew mhux preċiż ta' informazzjoni personali (xi drabi sensittiva), flimkien mal-poteri koersivi wiesa' tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni u stigmatizzazzjoni ta' persuni u/jew gruppi ta' nies speċifiċi.

17. F'din il-perspettiva, l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni huwa wkoll mezz li jikkontribwixxi favur il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni, li, skont il-Komunikazzjoni, "jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex ma jitħalliex li jseħħu r-radikalizzazzjoni u l-ingaġġ għal skopijiet terroristiċi".

2. **Approċċ konsistenti bbażat fuq il-prinċipju tan-neċessità**

18. Rimarka ġenerali importanti tikkonċerna l-ħtieġa li jiġu żgurati l-konsistenza u relazzjonijiet ċari bejn il-Komunikazzjonijiet u l-inizjattivi kollha fil-qasam tal-affarijiet interni, u b'mod partikolari fi ħdan il-qasam tas-Sigurtà Interna. Pereżempju, anki jekk l-istrateġija tal-UE kontra t-terroriżmu hija marbuta mill-qrib mal-Istrateġija tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni, l-Istrateġija dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Mudell Ewropew tal-Iskambju tal-Informazzjoni, ir-relazzjonijiet bejn dawn id-dokumenti

([1]) 2002/475/JHA, (ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3).
([2]) 2008/919/JHA, (ĠU L 330, 9.12.2008, p. 21).
([3]) Kif imħabbar ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma COM(2010) 171 finali tal-20 ta' April 2010.

kollha mhumiex indirizzati b'mod espliċitu u komprensiv. Dan sar saħansitra aktar ovvju bl-adozzjoni fit-22 ta' Novembru 2010 tal-"Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura ([1])".

19. Għalhekk il-KEPD jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li l-linji politiċi u l-inizjattivi fil-qasam tal-affarijiet interni u s-sigurtà interna jiġu ddisinjati u implimentati b'tali mod li jiżguraw approċċ konsistenti u rabtiet ċari bejniethom, jipprovdu sinerġiji xierqa u pożittivi, u jevitaw duplikazzjoni tax-xogħol u tal-isforzi.

20. Barra minn hekk, il-KEPD jirrakkomanda li l-prinċipju tan-neċessità jiġi kkunsidrat b'mod espliċitu f'kull proposta f'dan il-qasam. Dan għandu jsir kemm billi jiġu kkunsidrati d-duplikazzjonijiet possibbli mal-istrumenti diġà eżistenti u billi l-ġbir u l-iskambju tad-data personali jiġu limitati għal dak li huwa tassew meħtieġ għall-għanijiet segwiti.

21. Pereżempju, fil-każ tal-Ftehim dwar il-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP II) mal-Istati Uniti, il-KEPD staqsa sa liema punt il-ftehim kien tassew neċessarju sabiex jinkisbu r-riżultati li jistgħu jinkisbu bl-użu ta' strumenti inqas intrużivi fil-privatezza, bħal dawk diġà stipulati mill-qafas tal-UE u internazzjonali eżistenti ([2]). Fl-istess opinjoni, il-KEPD staqsa dwar il-ħtieġa li tintbagħat data personali f'ammont kbir, minflok b'mod aktar immirat.

22. Il-Komunikazzjoni ssemmi bħala waħda mill-isfidi "li niżguraw li dawn l-istrumenti jkopru l-ħtiġijiet reali (tal-infurzar tal-liġi) filwaqt li jiżguraw rispett sħiħ lejn il-jedd għall-privatezza u lejn ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data". Il-KEPD jilqa' dan ir-rikonoxximent espliċitu u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jevalwaw bir-reqqa sa liema punt l-istrumenti diġà fis-seħħ kif ukoll dawk previsti jkopru l-ħtiġijiet reali tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li jevitaw id-duplikazzjonijiet tal-miżuri, jew ir-restrizzjonijiet bla bżonn fuq il-ħajja privata. F'din il-perspettiva, l-istrumenti eżistenti għandhom juru bil-provi fir-reviżjonijiet perjodiċi li huma jikkostitwixxu mezz effikaċi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.

23. Il-KEPD tkellem favur il-ħtieġa għal valutazzjoni tal-istrumenti kollha eżistenti fuq l-iskambju tal-informazzjoni qabel jiġu proposti oħrajn ġodda f'għadd numeruż ta' opinjonijiet u kummenti, u b'enfasi partikolari fl-opinjoni riċenti dwar il-"Ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja" ([3]). Fil-fatt, il-valutazzjoni tal-effikaċja tal-miżuri eżistenti filwaqt li jiġi kkunsidrat l-impatt fuq il-privatezza tal-miżuri ġodda previsti hija kruċjali u għandha tingħata rwol importanti fl-azzjoni tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, b'konformità mal-approċċ ippreżentat mill-Programm ta' Stokkolma.

([1]) Ara l-paragrafu 4 ta' din l-opinjoni.

([2]) Opinjoni tal-KEPD tat-22 ta' Ġunju 2010.

([3]) Opinjoni tal-KEPD tat-30 ta' Settembru 2010.

24. Id-duplikazzjonijiet u n-nuqqas ta' effikaċja għandhom iwasslu għal aġġustamenti fl-għażliet politiċi jew saħansitra biex jikkonsolidaw jew inkella jeliminaw is-sistemi eżistenti tal-ġbir u l-ipproċessar tad-data.

25. Il-KEPD jirrakkomanda li tingħata attenzjoni speċjali lil dawk il-proposti li jirriżultaw fi ġbir ġenerali tad-data personali taċ-ċittadini kollha, minflok tal-persuni suspettati biss. Għandhom jingħataw ukoll kunsiderazzjoni u ġustifikazzjoni speċifiċi lil dawk il-każijiet fejn l-ipproċessar tad-data personali huwa previst għal skopijiet differenti minn dawk li għalihom kienu nġabru fil-bidu, bħal pereżempju fil-każ tal-aċċess għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi għad-data personali maħżuna fis-sistema Eurodac.

26. Il-Komunikazzjoni tenfasizza wkoll li waħda mill-isfidi tal-ġejjieni sejra tkun li tiġi żgurata politika ta' riċerka dwar is-sigurtà effikaċi, li għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà. Il-KEPD jappoġġa d-dikjarazzjoni tal-Komunikazzjoni li r-riċerka dwar is-sigurtà effikaċi għandha ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-parteċipanti differenti. F'din il-perspettiva, huwa kruċjali li l-kompetenza tal-protezzjoni tad-data tiddaħħal fir-riċerka dwar is-sigurtà fi stadju bikri ħafna, sabiex jiġu ggwidati l-għażliet politiċi u sabiex jiġi żgurat li l-privatezza tkun inkorporata bl-aktar mod possibbli fit-teknoloġiji ġodda orjentati lejn is-sigurtà, skont il-prinċipju ta' "privatezza skont id-disinn".

### 3. **Fir-rigward tal-użu ta' miżuri restrittivi (iffriżar tal-assi)**

27. Fir-rigward tal-użu ta' miżuri restrittivi (iffriżar tal-assi) lejn pajjiżi speċifiċi u terroristi suspettati, il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ripetutament u b'mod konsistenti li r-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu huwa kruċjali, bil-għan li jiġu żgurati kemm ir-rispett tad-drittijiet taċ-ċittadini kif ukoll il-legalità tal-miżuri meħuda.

28. Il-KEPD diġà kkontribwixxa b'opinjonijiet u kummenti f'dan il-qasam ([4]), fuq naħa waħda billi enfasizza t-titjib li sar fil-proċeduri, iżda min-naħa l-oħra billi talab li jsir aktar titjib,

([4]) Opinjoni tad-28 ta' Lulju 2009 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, (ĠU C 276, 17.11.2009, p. 1) Opinjoni tas-16 ta' Diċembru 2009 proposti leġiżlattivi varji li jimponu ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tas-Somalja, iż-Żimbabwe, ir-Repubblika Demokratika tal-Korea u l-Ginea, (ĠU C 73, 23.3.2010, p.1) Ara wkoll l-ittra tal-KEPD tal-20 ta' Lulju 2010 dwar tliet proposti leġiżlattivi li jikkonċernaw ċerti miżuri restrittivi, jiġifieri fir-rigward tas-Sur Milosevic u persuni assoċjati miegħu, b'appoġġ għall-mandat tat-Tribunal Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja, u fir-rigward tal-Eritrea. L-opinjonijiet u l-kummenti kollha tal-KEPD huma disponibbli fuq il-websajt tal-KEPD http://www.edps.europa.eu

speċjalment fir-rigward tad-dritt tal-informazzjoni u tal-aċċess għad-data personali, id-definizzjoni ċara tar-restrizzjonijiet għal dawn id-drittijiet, u d-disponibbiltà tar-rimedji ġudizzjarji effikaċi u s-sorveljanza indipendenti.

29. Il-ħtieġa għal titjib ulterjuri fil-proċedura u s-salvagwardji disponibbli għall-individwi elenkati ġiet ikkonfermata riċentament mill-Qorti Ġenerali fl-hekk imsejħa kawża "Kadi II" ([1]). B'mod partikolari, il-Qorti enfasizzat il-ħtieġa li l-persuna elenkata għandha tiġi informata bid-dettalji dwar ir-raġunijiet għaliex hija elenkata. Dan joqrob ħafna lejn id-drittijiet, skont il-liġi tal-protezzjoni tad-data, li l-individwi jkollhom aċċess għad-data personali tagħhom u li din id-data tiġi rranġata, partikolarment meta ma tkunx korretta jew aġġornata. Dawn id-drittijiet, imsemmija b'mod espliċitu mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jikkostitwixxu elementi prinċipali tal-protezzjoni tad-data, u jistgħu jkunu soġġetti għal limitazzjonijiet sal-punt biss li dawn il-limitazzjonijiet ikunu meħtieġa, prevedibbli u stipulati mil-liġi.

30. F'din il-perspettiva, il-KEPD jaqbel mal-Komunikazzjoni li waħda mill-isfidi tal-ġejjieni fil-qasam tal-politika kontra t-terroriżmu sejra tkun l-użu tal-Artikolu 75 tat-TFUE. Din il-bażi legali ġdida, introdotta mit-Trattat ta' Lisbona, tippermetti b'mod speċifiku li jiġu stabbiliti miżuri ta' ffriżar tal-assi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Il-KEPD jirrakkomanda li din il-bażi legali tintuża wkoll biex jiġi stabbilit qafas għall-iffriżar tal-assi li jkun konformi b'mod sħiħ mar-rispett tad-drittijiet fundamentali. Il-KEPD huwa disponibbli li jkompli jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strumenti u proċeduri leġiżlattivi relevanti, u qiegħed jistenna bil-ħerqa li jiġi kkonsultat b'mod xieraq u f'waqtu meta l-Kummissjoni – skont il-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2011 – tiżviluppa regolament speċifiku f'dan il-qasam ([2]).

31. F'perspettiva usa', hemm bżonn li jiġi stabbilit qafas ta' protezzjoni tad-data applikabbli wkoll għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Tabilħaqq, l-Artikolu 16 tat-TFUE jipprovdi bażi legali għat-twaqqif ta' regoli dwar il-protezzjoni tad-data anki fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Il-bażi legali u l-proċedura differenti stipulati mill-Artikolu 39 tat-TUE japplikaw biss meta tiġi pproċessata data personali f'dan il-qasam mill-Istati Membri. Madankollu, anki jekk it-Trattat ta' Lisbona jitlob dawn ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u jipprovdi l-għodod biex dawn jiġu stabbiliti, bħalissa ma hija prevista ebda inizjattiva fil-Komunikazzjoni riċenti dwar "Approċċ komprensiv dwar il-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni Ewropea" ([3]). F'dan l-isfond, il-KEPD iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għat-twaqqif ta' qafas tal-protezzjoni tad-data fil-Qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.

([1]) Sentenza tat-30 ta' Settembru 2010 fil-kawża T-85/09 *Kadi* vs. *il-Kummissjoni*, ara b'mod partikolari l-paragrafi 157, 177.

([2]) Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2011 (COM(2010) 623 tas-27 ta' Ottubru 2010) isemmi fl-Anness II tiegħu (Lista indikattiva tal-inizjattivi possibbli taħt kunsiderazzjoni) "Regolament li jistabbilixxi proċedura għall-iffriżar ta' fondi ta' persuni ssuspettati b'attivitajiet terroristiċi fl-UE".

([3]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2010) 609 tal-4 ta' Novembru 2010.

### 4. **Rispett għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali**

32. Il-kapitolu ddedikat għar-rispett tad-drittijiet fundamentali jenfasizza li l-UE għandha tkun eżemplari fir-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandha tkun il-boxxla tal-politiki kollha tal-UE. Il-KEPD laqa' dan l-approċċ.

33. Il-KEPD jappoġġa wkoll id-dikjarazzjoni li r-rispett tad-drittijiet fundamentali mhuwiex biss rekwiżit legali, iżda wkoll kundizzjoni ewlenija għall-promozzjoni tal-kunfidenza reċiproka bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-fiduċja fost il-pubbliku ġenerali.

34. F'dan l-isfond, il-KEPD jirrakkomanda t-teħid ta' approċċ proattiv u azzjonijiet konkreti sabiex dan ikun jista' jseħħ, ukoll bħala mezz għall-implimentazzjoni effikaċi tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali. ([4])

35. Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Privatezza (PIAs) u l-konsultazzjoni bikrija tal-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data għandhom jiġu żgurati għall-inizjattivi kollha li jħallu impatt fuq il-protezzjoni tad-data personali, irrispettivament mill-inizjatur tagħhom u mill-qasam li fih jiġu proposti.

36. Fil-kapitolu tagħha dwar il-kooperazzjoni internazzjonali, il-Komunikazzjoni tagħmel enfasi wkoll fuq il-ħtieġa li jinħolqu "l-kundizzjonijiet qafas legali u politiċi li kienu meħtiġin għall-koperazzjoni mtejba mas-sħab esterni tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu".

37. F'dan ir-rigward, il-KEPD ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat li jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji adegwati meta tiġi skambjata data personali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex ikun żgurat li d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data taċ-ċittadini jiġu rispettati b'mod adegwat anki fil-kuntest tal-kooperazzjoni internazzjonali.

38. Dan jinkludi wkoll il-promozzjoni tal-protezzjoni tad-data fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex ikun żgurat li l-istandards tal-UE jiġu ssodisfati. Dan huwa konformi wkoll mal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa standards legali u tekniċi għolja ta' protezzjoni tad-data fil-pajjiżi terzi u fil-livell internazzjonali, u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ([5]).

([4]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2010) 573 tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar Strateġija għall-implimentazzjoni effikaċi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-Unjoni Ewropea.

([5]) Ara l-Komunikazzjoni (2010) 609 dwar "Strateġija komprensiva dwar il-ħarsien tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea", paġni 16-17.

39. Opportunità ċara għall-azzjoni tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam hija pprovduta mill-miżuri restrittivi (l-iffriżar tal-assi), fejn il-kooperazzjoni intensa mal-pajjiżi terzi u n-Nazzjonijiet Uniti ma għandhiex tnaqqas il-livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali pprovduta mis-sistema legali tal-UE.

## III. **KONKLUŻJONIJIET**

40. Il-KEPD jilqa' l-attenzjoni mogħtija mill-Komunikazzjoni għad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data, u jirrakkomanda li jsir aktar titjib konkret fil-qasam tal-politika kontra t-terroriżmu.

41. Il-KEPD jirrakkomanda l-appoġġ b'inizjattivi konkreti tar-rispett tad-drittijiet fundamentali f'dan il-qasam, u b'mod partikolari tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, li huwa alleat meħtieġ għall-promozzjoni taċ-ċertezza legali, il-fiduċja u l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif ukoll kundizzjoni legali meħtieġa għall-iżvilupp tas-sistemi previsti.

42. Il-KEPD jappoġġa wkoll l-approċċ li t-tfassil tal-politika sistematika f'dan il-qasam għandu jkun ippreferut fuq it-tfassil tal-politika influwenzata mill-inċidenti, speċjalment meta l-inċidenti jwasslu għall-ħolqien ta' sistemi ġodda ta' ħżin, ġbir u skambju tad-data mingħajr ma ssir valutazzjoni xierqa tal-alternattivi eżistenti.

43. F'din il-perspettiva, il-KEPD jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li l-linji politiċi u l-inizjattivi fil-qasam tal-affarijiet interni u s-sigurtà interna jiġu ddisinjati u implimentati b'tali mod li jiżguraw approċċ konsistenti u rabtiet ċari bejniethom, jipprovdu sinerġiji xierqa u pożittivi u jevitaw duplikazzjoni tax-xogħol u tal-isforzi.

44. F'dan l-isfond, il-KEPD jirrakkomanda li l-leġiżlatur tal-UE isaħħaħ l-irwol tal-protezzjoni tad-data, billi jimpenja ruħu li jwettaq azzjonijiet (u dati ta' skadenza) speċifiċi, bħal:

- Il-valutazzjoni tal-effikaċja tal-miżuri eżistenti filwaqt li jiġi kkunsidrat l-impatt tagħhom fuq il-privatezza hija kruċjali u għandha tingħata rwol importanti fl-azzjoni tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam,
- Meta jiġu previsti miżuri ġodda, għandha tiġi kkunsidrata d-duplikazzjoni possibbli mal-istrumenti diġà eżistenti, billi jittieħed kont tal-effikaċja tagħhom, filwaqt li l-ġbir u l-iskambju tad-data personali jiġu limitati għal dak li huwa tassew meħtieġ għall-għanijiet segwiti,
- Jiġi propost it-twaqqif ta' qafas ta' protezzjoni tad-data li jkun applikabbli wkoll għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni,
- Jiġi propost approċċ globali u komprensiv li jiżgura, fil-qasam tal-miżuri restrittivi (iffriżar tal-assi), kemm l-effikaċja tal-azzjoni tal-infurzar tal-liġi kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, fuq il-bażi tal-Artikolu 75 tat-TFUE,
- Il-protezzjoni tad-data titpoġġa fil-qalba tad-dibattitu dwar il-miżuri f'dan il-qasam, billi jiġi żgurat, pereżempju, li jitwettqu l-Valutazzjonijiet tal-Impatt tal-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data u li l-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data jiġu kkonsultati fil-ħin meta jiġu ppreżentati l-proposti relevanti f'dan il-qasam,
- Li jiġi żgurat li l-għarfien dwar il-protezzjoni tad-data jiġi adottat fir-riċerka dwar is-sigurtà fi stadju bikri ħafna, sabiex jiġu ggwidati l-għażliet politiċi u jiġi żgurat li l-privatezza tiġi inkorporata bl-aktar mod possibbli fit-teknoloġiji l-ġodda orjentati lejn is-sigurtà,
- Li jiġu żgurati salvagwardji adegwati meta d-data personali tiġi pproċessata fil-kuntest tal-kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġu promossi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2010.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati tal-oriġini fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 891/2009**

(2011/C 56/03)

Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009, ippubblikat f'll-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* L 254 tas-26 ta' Settembru 2009, infetħet kwota tariffarja għall-importazzjoni taz-zokkor li joriġina mill-Awstralja.

L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 jistipula li r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti importati taħt din il-kwota għandu jkun suġġett għat-tressiq ta' ċertifikat tal-oriġini.

L-awtorità li ġejja hija awtorizzata toħroġ iċ-ċertifikati tal-oriġini fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Chamber of Commerce Et.
Industry Queensland
Industry House
375 Wicham Terrace
Brisbane Q 4000
AUSTRALIA

Tel. +07 3842 2244
Fax +07 3832 3195
Posta elettronika: info@cciq.com.au

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tal-14 ta' Frar 2011

### li taħtar u tissostwixxi l-membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (CEDEFOP)

(2011/C 56/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu ([1]),

Wara li kkunsidra n-nomina ppreżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Impjegati,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2009 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2009 sas-17 ta' Settembru 2012.

(2) Post ta' membru fuq il-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Impjegati sar vakanti b'segwitu għar-riżenja tas-Sur Petri LEMPINEN.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu waħdieni*

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sas-17 ta' Settembru 2012:

**RAPPREŻENTANTI TA' ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-IMPJEGATI:**

FINLANDJA: Is-Sur Aleksi KALENIUS

Finnish Confederation of Professionals STTK

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

HOFFMANN R.

([1]) ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

([2]) ĠU C 226, 19.9.2009, p. 2.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

## Il-21 ta' Frar 2011

(2011/C 56/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3668 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3521 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 113,68 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3444 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4553 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,6389 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84250 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7899 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,7620 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7436 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2960 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 531,28 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,7702 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,7690 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,9760 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4085 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,458 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 095,94 |
| HUF | Forint Ungeriż | 271,01 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1510 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 59,328 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7041 | RUB | Rouble Russu | 39,8620 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9277 | THB | Baht Tajlandiż | 41,728 |
| RON | Leu Rumen | 4,2328 | BRL | Real Brażiljan | 2,2751 |
| TRY | Lira Turka | 2,1609 | MXN | Peso Messikan | 16,4539 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 61,4890 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Notifika tal-Kummissjoi dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għas-27 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Marzu 2011**

*(Ippublikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))*

(2011/C 56/06)

Rati bażi kkalkulati skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu biex tkun stabbilita r-rata ta' riferenza u ta' tnaqqis (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6). Skont l-użu tar-rata ta' referenza, il-marġini xierqa għad għandhom ikunu ddefiniti f'din il-komunikazzjoni. Għar-rata ta' tnaqqis, dan ifisser li għandu jiżdied marġini ta' 100 punti bażi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-regolament ta' implimentazzjoni (KE) Nru 764/2004 jipprevedi li, jekk mhux speċifikat diversament f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' rkupru għandha tkun ikkalulata wkoll billi jkunu miżjuda 100 punti bażi fuq ir-rata bażi.

Ir-rati modifikati huma indikati b'tipa grassa.

Abbozz tat-test ippubblikat fil-ĠU C 4, 7.1.2011, p. 4.

| Minn | sa | AT | BE | BG | CY | CZ | DE | DK | EE | EL | ES | FI | FR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | MT | NL | PL | PT | RO | SE | SI | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.3.2011 | … | 1,49 | 1,49 | 3,97 | 1,49 | 1,79 | 1,49 | 1,76 | 1,49 | 1,49 | 1,49 | 1,49 | 1,49 | 5,61 | 1,49 | 1,49 | 2,56 | 1,49 | **2,20** | 1,49 | 1,49 | 4,26 | 1,49 | 7,18 | **2,23** | 1,49 | 1,49 | 1,48 |
| 1.1.2011 | 28.2.2011 | **1,49** | **1,49** | **3,97** | **1,49** | **1,79** | **1,49** | **1,76** | **1,49** | **1,49** | **1,49** | **1,49** | **1,49** | **5,61** | **1,49** | **1,49** | **2,56** | **1,49** | **2,64** | **1,49** | **1,49** | **4,26** | **1,49** | **7,18** | **1,76** | **1,49** | **1,49** | **1,48** |
| 1.12.2010 | 31.12.2010 | **1,45** | **1,45** | 4,15 | **1,45** | 2,03 | **1,45** | 1,88 | **1,85** | **1,45** | **1,45** | **1,45** | **1,45** | 5,97 | **1,45** | **1,45** | 2,85 | **1,45** | **3,15** | **1,45** | **1,45** | 4,49 | 1,45 | 7,82 | 1,38 | **1,45** | **1,45** | 1,35 |
| 1.10.2010 | 30.11.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,15 | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | 2,27 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | 2,85 | 1,24 | 3,99 | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | **1,38** | 1,24 | 1,24 | 1,35 |
| 1.9.2010 | 30.9.2010 | 1,24 | 1,24 | **4,15** | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | 2,27 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | 2,85 | 1,24 | 3,99 | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | 1,18 | 1,24 | 1,24 | 1,35 |
| 1.8.2010 | 31.8.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | 2,27 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | 2,85 | 1,24 | 3,99 | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | **1,18** | 1,24 | 1,24 | 1,35 |
| 1.7.2010 | 31.7.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | **2,27** | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | **2,85** | 1,24 | **3,99** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | 1,02 | 1,24 | 1,24 | **1,35** |
| 1.6.2010 | 30.6.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | 2,77 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | **3,45** | 1,24 | **4,72** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | 1,02 | 1,24 | 1,24 | 1,16 |
| 1.5.2010 | 31.5.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | **2,03** | 1,24 | 1,88 | **2,77** | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | **4,46** | 1,24 | **6,47** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | **7,82** | 1,02 | 1,24 | 1,24 | 1,16 |
| 1.4.2010 | 30.4.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,39 | 1,24 | 1,88 | **3,47** | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | **5,97** | 1,24 | 1,24 | **5,90** | 1,24 | **8,97** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 9,92 | 1,02 | 1,24 | 1,24 | 1,16 |
| 1.3.2010 | 31.3.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,39 | 1,24 | 1,88 | **4,73** | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 7,03 | 1,24 | 1,24 | **7,17** | 1,24 | **11,76** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 9,92 | 1,02 | 1,24 | 1,24 | 1,16 |
| 1.1.2010 | 28.2.2010 | **1,24** | **1,24** | **4,92** | **1,24** | **2,39** | **1,24** | **1,88** | **6,94** | **1,24** | **1,24** | **1,24** | **1,24** | **7,03** | **1,24** | **1,24** | **8,70** | **1,24** | **15,11** | **1,24** | **1,24** | **4,49** | **1,24** | **9,92** | **1,02** | **1,24** | **1,24** | **1,16** |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6130 – AXA IMPEE/NOVACAP)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 56/07)

1. Fl-14 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha, il-fond mutwu ta' kapital ta' riskju AXA LBO Fund IV, amministrat mill-impriża AXA Investment Managers Private Equity Europe SA ("AXA IMPEE", Franza), membru tal-grupp AXA (Franza) jakkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-grupp NOVACAP ("NOVACAP", Franza) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża AXA IMPEE: fondi ta' investiment,

— għall-impriża NOVACAP: il-manifattura u l-bejgħ ta' kimiki għall-industrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6130 – AXA IMPEE/NOVACAP, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6121 – GEA Dutch Holdings BV/CFS Holdings BV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 56/08)

1. Fl-14 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża GEA Dutch Holding BV ("GEA", il-Pajjiżi l-Baxxi), ikkontrollata minn GEA Group AG (il-Ġermanja), takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża CFS Holdings BV ("CFS", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal GEA: l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġija u komponenti ta' proċess, inkluż makkinarju u tagħmir għall-ipproċessar tal-ikel,

— għal CFS: il-manifattura ta' tagħmir għall-ipproċessar tal-ikel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6121 – GEA Dutch Holdings BV/CFS Holdings BV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 56/09)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA SKONT L-ARTIKOLU 9**

**"AZEITES DO RIBATEJO"**

**Nru tal-KE: PT-PDO-0117-0219-09.01.2006**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Intestatura tal-ispeċifikazzjoni affettwata mill-emenda:**

— ☐ Isem il-prodott

— ☒ Deskrizzjoni

— ☒ Żona ġeografika

— ☐ Prova tal-oriġini

— ☐ Metodu ta' produzzjoni

— ☐ Rabta

— ☐ Tikkettar

— ☐ Rekwiżiti nazzjonali

— ☐ Oħrajn (għandhom jiġu speċifikati)

2. **Tip ta' emenda:**

— ☒ Emenda tad-Dokument Uniku jew tas-Sinteżi

— ☐ Emenda tal-Ispeċifikazzjoni tad-DPO jew l-IĠP irreġistrati, li għalihom ma ġie ppubblikat l-ebda Dokument Uniku jew Sinteżi

— ☐ Emenda tal-Ispeċifikazzjoni li ma tinvolvi ebda emenda tad-Dokument Uniku ppubblikat (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

— ☐ Emenda temporanja tal-Ispeċifikazzjoni bħala riżultat tal-impożizzjoni ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3. **Emenda(i):**

3.1. *Deskrizzjoni:*

(1) L-inklużjoni ta' żejt mill-varjetà taż-żebbuġa Cobrançosa, li hi prodott agrikolu importanti fir-reġjun u tipproduċi żjut li t-togħma u l-aroma tagħhom ma jbiddlux il-karatteristiċi taż-żjut tradizzjonalment prodotti u apprezzati fir-Ribatejo għal mijiet ta' snin. Sar studju li wera li jekk iż-żejt mill-varjetà Cobrançosa jiżdied maż-żejt mill-varjetà Galega Vulgar, dan tal-aħħar ma jitlifx il-karatteristiċi sensorji u kimiċi tal-"Azeite do Ribatejo".

(2) Tibdil u twaqqif tar-regoli fir-rigward tal-varjetajiet ta' żejt li jistgħu jiġu inklużi, huma kif ġej:

— Galega Vulgar u/jew Lentisca ammont minimu ta' 55 % (dawn il-varjetajiet, jew waħda minnhom jew it-tnejn f'daqqa, iridu jiffurmaw ammont minimu ta' 55 %)

— Cobrançosa, ammont minimu ta' 45 %

— Varjetajiet oħra, ammont massimu ta': 5 %.

— Il-varjetà Picual hi pprojbita.

Nota: Bħala riżultat ta' dawn l-emendi, iż-żona ġeografika ma għadhiex maqsuma f'żewġ sottoreġjuni.

(3) Emenda ta' ċerti parametri fiżiċi u kimiċi, wara li saru emendi leġiżlattivi ġenerali u studji aktar ddettaljati fuq il-prodott u l-karatteristiċi tiegħu.

(4) Definizzjoni aħjar tal-karatteristiċi organolettiċi tal-"Azeites do Ribatejo".

3.2. *Żona ġeografika:*

Ċerti muniċipalitajiet u parroċċi ġew esklużi miż-żona ġeografika, għaliex ġie nnutat li t-tkabbir taż-żebbuġ naqas b'mod sostanzjali f'dawk iż-żoni u li ż-żjut li jiġu prodotti hemmhekk ma għadx għandhom il-karatteristiċi meħtieġa.

L-inklużjoni ċara ta' ċerti parroċċi li jinsabu fil-Muniċipalità ta' Rio Maior, li kellhom ikunu fil-lista oriġinali iżda ġew esklużi bi żball, għalkemm kienu mmarkati fuq il-mappa taż-żona ġeografika.

Iż-żona ġeografika ma għadhiex maqsuma f'żewġ sottoreġjuni, għaliex ma għadx hemm bżonn ta' dan peress li l-varjetà Lentisca hija mkabbra matul ir-reġjun kollu.

SINTEŻI

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"AZEITES DO RIBATEJO"**

**Nru tal-KE: PT-PDO-0117-0219-09.01.2006**

**DPO ( X ) IĠP ( )**

Din is-sinteżi tesponi l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal finijiet ta' tagħrif.

1. **Dipartiment Responsabbli Fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Gabinete de Planeamento e Políticas |
| Indirizz: | Rua Padre António Vieira 1<br>1099-073 Lisboa<br>PORTUGAL |
| Tel. | +351 213819300 |
| Fax | +351 213876635 |
| Posta elettronika: | Gpp@gpp.pt |

2. **Grupp:**

Isem: Associação dos Agricultores do Ribatejo
Indirizz: Rua de Santa Margarida 1-A
2000-114 Santarém
PORTUGAL

Tel. +351 243323794 / 327444
Fax +351 243322829
Posta elettronika: geral@aaribatejo.pt
Kompożizzjoni: produttur/proċessur ( X ) Oħrajn ( )

3. **Isem il-prodott:**

Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żjut, eċċ.)

4. **Speċifikazzjoni:**

(sinteżi tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *Isem:*

"Azeites do Ribatejo"

4.2. *Deskrizzjoni:*

L-"Azeites do Ribatejo" huma żjut miksuba mill-frotta ta' *Olea Europaea* L., estratti biss b'mezzi mekkaniċi, tal-varjetajiet Galega Vulgar, Lentisca u Cobrançosa, li jiġu minn imsaġar taż-żebbuġ li jinsabu fiż-żona ġeografika tal-produzzjoni.

L-"Azeites do Ribatejo" għandhom il-karatteristiċi li ġejjin (sinteżi):

Aċidità – Extra verġni – massimu 0,8 %, Verġni – massimu 1,5 %

Valur tal-perossidu: massimu 15 meq $O_2$/kg

Assorbenza: K 232 nm – massimu 2,00, K 270 nm – massimu 0,20, ΔK – massimu 0,01

Kulur – mewġa elettronamjetika dominanti (λ) – 577 – 578 nm

Trilinolina – massimu 0,2 %

Aċidi xaħmija trans % – Olejku – massimu 0,03, Translinoleiċi + Translinoleiċi – massimu 0.03

Alkoħol alifatiku – massimu 300 mg/Kg

Steroli

— Kolesterol < 0,5

— Brassikasterol ≤ 0,1

— Kampesterol ≤ 4,0

— Stigmasterol < kampesterol

— β-sitosterol ≥ 93,0

— Δ7–Stigmasterol ≤ 0,3

Steroli totali – minimu 1 000 mg/Kg

Eritrodjol + Uvaol – massimu 4,5 %

Xama' – massimu 250 mg/Kg

Ġew stabbiliti wkoll il-parametri tal-aċidi xaħmija u tat-trigliċeridi.

L-"Azeites do Ribatejo" għandhom kontenut medju ta' frott, aħdar u frott misjur, b'laqtiet ta' tuffieħ; il-kulur hu isfar dehbi, u xi kultant imżewwaq bl-aħdar. Sabiex jiġi approvat bħala "Azeites do Ribatejo", iż-żjut extra verġni u verġni jrid ikollhom medja żero ta' difetti. Kwalunkwe żejt b'karatteristiċi organolettiċi differenti minn dawk li huma tipiċi tal-varjetajiet permessi, mhux se jkunu aċċettati.

4.3. *Żona ġeografika:*

Iż-żona ġeografika fejn il-prodott hu prodott, ipproċessat u ppakkjat hi limitata għall-Muniċipalitajiet li ġejjin: Abrantes, Alcanena, Alcobaça (il-parroċċi ta' S. Vicente de Aljubarrota u ta' Turquel biss), Alvaiázere, Azambuja (il-parroċċa ta' Vila Nova de S. Pedro biss), Cartaxo (il-parroċċi ta' Cartaxo, Ereira, Pontével u Vale da Pinta biss), Constância, Entroncamento, Ferreira do Zêzere, Gavião, Golegã, Ourém (il-parroċċi ta' Alburitel, Atouguia, Caxarias, Cercal, Espite, Fátima, Formigais, Freixianda, Gondemaria, Matas, Nª Sª da Misericórdia, Nª Sª da Piedade, Olival, Rio de Couros u Seiça biss), Porto de Mós (il-parroċċi ta' Alcaria, Alvados, Arrimal, Juncal, Mendiga, Pedreiras, S. Bento u Serro Ventoso biss), Rio Maior (il-parroċċi ta' Alcobertas, Arruda dos Pisões, Assentiz, Azambujeira, Fráguas, Malaqueijo, Marmeleira, Outeiro da Cortiçada, Ribeira de S. João, Rio Maior, S. João da Ribeira u S. Sebastião biss), Santarém, Sardoal, Tomar, Torres Novas u Vila Nova da Barquinha.

4.4. *Prova tal-oriġini:*

Barra mill-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott, ġiet stabbilita sistema ta' traċċabilità L-operaturi kollha, irrispettivament mix-xogħol li jagħmlu (dawk li jkabbru ż-żebbuġ, li jitħnu jew li jippakkjaw) huma suġġetti għas-sistema ta' kontroll u ċertifikazzjoni. Għal kull produttur awtorizzat mill-*Agrupamento de Produtores Gestor da DOP* biex juża l-"Azeites do Ribatejo" DPO ġie magħmul Reġistru Deskrittiv, li jinkludi tagħrif aġġornat dwar il-provenjenza taż-żjut użati, il-kundizzjonijiet attwali li taħthom huma prodotti/kkunsinjati u t-teknoloġija użata għat-tħin u l-ippakkjar. Fir-rigward ta' dawk li jkabbru ż-żebbuġ, isiru kontrolli meta jiġu applikati t-trattamenti, matul il-perjodu ta' tkabbir u, b'mod partikolari, meta jsir il-ħsad tal-frotta, f'intervalli xierqa. Fir-rigward ta' dawk li jitħnu jew li jippakkjaw, isiru kontrolli matul l-estrazzjoni, il-ħażna u l-ippakkjar tal-prodott. Il-kontrolli jsiru matul il-proċess kollu, u kull oġġett ippakkjat tal-"Azeites do Ribatejo" hu identifikat b'mod xieraq billi jitwaħħal iċ-Ċertifikat bil-Marka tan-numru rilevanti, li jippermetti li l-prodott jiġi identifikat matul kull stadju tal-produzzjoni. Id-DPO tista' tintuża biss fuq pakketti taż-żejt taż-żebbuġa verġni u extra verġni li għandhom il-karatteristiċi deskritti hawn fuq u li l-produzzjoni tagħhom hi soġġetta għal kontroll.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni:*

L-"Azeites do Ribatejo" jinkisbu permezz ta' estrazzjoni mill-frotta ta' *Olea Europaea* L. b'mezzi mekkaniċi biss, f'imtieħen li jinsabu fiż-żona ġeografika ddefinita ta' produzzjoni. Il-Prattika Tajba kollha hi osservata, *inter alia* fir-rigward ta' kultivazzjoni, trattament fitosanitarju, metodu ta' ħsad, trasport u pproċessar/ippakkjar. Jitħalla biss fil-proporzjonijiet speċifikati, iż-żebbuġ tal-varjetajiet imsemmija hawn taħt u li ġejjin minn imsaġar li jinsabu fiż-żona ġeografika ddefinita: Galega Vulgar u/jew Lentisca, minimu 55 %, Cobrançosa, massimu 45 %. Huma permessi varjetajiet oħra (barra il-Picual, li hi pprojbita): massimu 5 %. Il-metodi ta' estrazzjoni sekondarja huma pprojbiti, bħalma hu l-użu ta' enżimi u ta' terra. Iż-żjut verġni u extra verġni huma ppakkjati f'konteninturi apposta u ttikkettati kif xieraq. L-operazzjonijet kollha deskritti hawn fuq jieħdu post fiż-żona ġeografika ddefinita, għax il-prodott huwa taħlita, u ladarba ż-żjut ikunu mħallta, ma jistgħux jiġu sseparati jew identifikati. Għalhekk, dan hu l-metodu l-aktar xieraq li bih isiru l-kontrolli u jiġi żgurat li tinżamm it-traċċabilità matul il-proċess ta' produzzjoni kollu, u b'hekk jiggarantixxi l-oriġini, il-kwalità u l-awtentiċità tal-prodott.

4.6. *Rabta:*

L-imsaġar taż-żebbuġ jinsabu fir-reġjun ta' Ribatejo, li għandu b'mod ċar klima Mediterranja, bi sjuf sħan u xotti u fejn jiddominaw il-ħamriji tal-ġir. It-tkabbir taż-żebbuġ kien ta' importanza kbira fir-reġjun sa minn żmien żemżem, għalhekk ħalla l-marki tiegħu fuq it-tradizzjonijiet lokali; pereżempju, hemm għadd infinit ta' riċetti li jużaw iż-żejt taż-żebbuġa. Barra mir-rabta storika u soċjo-kulturali, l-"Azeites do Ribatejo" għandhom karatteristiċi sensorji u kimiċi ddefiniti b'mod ċar li jagħmluhom differenti minn żjut oħra. Għalkemm il-varjetajiet użati mhumiex esklussivi għar-reġjun, il-proporzjonijiet varji ta' varjetajiet taż-żebbuġ fil-kompożizzjoni u l-ekosistema huma fatturi deċiżivi fil-produzzjoni ta' żejt bil-karatteristiċi deskritti.

4.7. *Korp ta' spezzjoni:*

| | |
|---|---|
| Isem: | Certis |
| Indirizz: | Rua Diana de Liz, Horta do Bispo<br>Apartado 320<br>7006 Évora<br>PORTUGAL |
| Tel. | +351 266769564 |
| Fax | +351 266769566 |
| Posta elettronika: | — |

4.8. *Tikkettar:*

It-tikketta jrid ikollha l-kliem "Azeites do Ribatejo – Denominação de Origem Protegida" u l-logo korrispondenti tal-Komunità. Trid tinkludi wkoll it-tikketta ta' ċertifikazzjoni, bl-isem tal-prodott u l-indikazzjoni relevanti, l-isem tal-korp ta' spezzjoni u numru tas-serje (jiġifieri kodiċi numeriku jew alfanumeriku li jippermetti t-traċċabilità tal-prodott). Taħt l-ebda ċirkostanza ma jista' l-isem jew l-isem tal-kumpanija u l-indirizz tal-produttur jiġi mibdul bl-isem ta' kwalunkwe entità oħra, anke meta dik l-entità tieħu responsabbiltà tal-prodott, jew tpoġġih fis-suq. L-isem kummerċjali – "Azeites do Ribatejo – DPO" – ma jistax ikun mibdul bi kwalunkwe kliem ieħor jew indikazzjonijiet, inklużi d-distributur jew marki kummerċjali oħra.

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 56/10)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed joġġezzjoni għat-talba skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). L-istqarrijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

TALBA GĦAL EMENDA

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**TALBA GĦAL EMENDA SKONT L-ARTIKOLU 9**

**"RISO DI BARAGGIA BIELLESE E VERCELLESE"**

**Nru tal-KE: IT-PDO-0105-0337-06.03.2008**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **L-intestatura tal-ispeċifikazzjoni effettwata mill-emenda:**

— ☐ Isem il-prodott

— ☒ Id-deskrizzjoni tal-prodott

— ☐ Iż-żona ġeografika

— ☐ Il-prova tal-oriġini

— ☐ Il-metodu tal-produzzjoni

— ☐ Ir-rabta maż-żona ġeografika

— ☐ It-tikkettar

— ☐ Ir-rekwiżiti nazzjonali

— ☐ Affarijiet oħra (li għandhom jiġu speċifikati)

2. **It-tip ta' emenda:**

— ☒ Emenda tad-dokument uniku jew tat-taqsira

— ☐ Emenda tal-ispeċifikazzjoni tad-DPO jew tal-IĠP li ġiet irreġistrata iżda li għaliha ma ġie ppubblikat l-ebda dokument uniku jew taqsira

— ☐ Emenda tal-ispeċifikazzjoni li ma twassal għall-ebda emenda tad-dokument uniku li ġie ppubblikat (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

— ☐ Emenda temporanja tal-ispeċifikazzjoni li ġejja mill-fatt li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu adottaw miżuri sanitarji u fitosanitarji obbligatorji (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

3. **Emenda/emendi:**

3.1. *Id-deskrizzjoni tal-prodott:*

— Fl-Artikolu 2 tal-ispeċifikazzjoni, li għandu x'jaqsam mad-"deskrizzjoni tal-prodott" tar-ross imsejjaħ "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" (DPO), għas-seba' varjetajiet ta' ross differenti nbidlu l-parametri marbutin mal-glutinożità. Il-parametri proposti ġejjin minn analiżi ddettaljata li saret billi ntuża metodu

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

intern iddefinit u żviluppat mill-Awtorità nazzjonali għar-ross (l-"Ente Nazionale Risi"). F'dan il-metodu jintużaw strumenti ġodda għall-analiżi li jagħtu riżultati iktar eżatti meta mqabblin ma' dawk użati fl-imgħoddi. Fil-fatt, dawn l-istrumenti mhux biss huma kkalibrati b'mod regolari permezz ta' kampjuni ta' referenza ċċertifikati mis-"Servizio di Taratura Italiano" (is-SIT – is-servizz Taljan tal-ikkalibrar) għall-parametri tal-forza, tad-distanza u tal-veloċità użati waqt it-test tal-glutinożità, iżda ċerti stadji tal-proċess tal-analiżi issa qed isiru totalment b'mod awtomatiku. B'hekk jistgħu jitnaqqsu għall-inqas ammonti possibbli l-fatturi tal-varjabbiltà u jista' jittejjeb it-twettiq mill-ġdid tal-metodu tal-analiżi nnifsu.

Fil-fatt huwa minħabba din l-awtomazzjoni li r-riżultati marbutin mal-glutinożità huma differenti, f'termini tal-valur numeriku tagħhom, minn dawk li nkisbu qabel bl-użu tat-tekniki ta' analiżi u tal-istrumenti ta' qabel – tekniki u analiżi li issa m'għadhomx jgħoddu.

Barra minn hekk, minħabba li l-parametru tal-glutinożità jiddependi mill-kundizzjonijiet ta' maturità tar-ross u minn kemm ikun sar, fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġie speċifikat meta r-ross għandha ssirlu l-analiżi. Din għandha ssir fil-Ħarifa, meta jintemm il-ħsad tar-ross u meta r-ross ikollu l-ogħla livelli ta' glutinożità.

Qed jiġi kkoreġut ukoll żball materjali li sar fl-unità tal-kejl tal-parametru tal-glutinożità. Din l-unità kienet ingħatat bi żball fi grammi għal kull ċentimetru kwadru u issa qed tinbidel għal grammi għal kull ċentimetru fid-dokument uniku mehmuż ma' din it-talba għal emenda.

Fl-aħħarnett, permezz tad-definizzjoni ta' parametri iktar eżatti, tal-korrezzjoni ta' żball materjali u tal-għoti tal-istadju tal-produzzjoni li fih ir-ross għandha ssirlu l-analiżi tal-glutinożità, it-talba għal emenda timmira li tagħti elementi iktar ċari u eżatti li huma meħtieġa sabiex wieħed ikun jista' jivvaluta aħjar il-glutinożità tar-ross. Dan huwa ta' vantaġġ kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi.

— Fit-tabella tal-karatteristiċi fiżjokimiċi iddaħħal livell ta' tolleranza ta' 10 % għall-valuri tat-tul tal-ħbub, tal-wisa' tagħhom, tal-konsistenza, tal-glutinożità, taċ-ċarezza tal-ħbub u ta' kemm jiżnu. Tqies bħala ħaġa xierqa li jiġi propost dan il-livell ta' tolleranza minħabba li, mid-dejta analitika disponibbli, jidher li dawn il-karatteristiċi kollha huma influwenzati ħafna mill-kundizzjonijiet tat-temp li jkun hemm fis-sena li fiha jitkabbar ir-ross.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"RISO DI BARAGGIA BIELLESE E VERCELLESE"**

**Nru tal-KE: IT-PDO-0105-0337-06.03.2008**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Isem:**

"Riso di Baraggia Biellese e Vercellese"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott:*

Il-kategorija 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem mogħti fil-punt 1:*

L-isem tad-DPO "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" jirreferi biss għall-prodott tar-ross miksub billi r-ross fil-fosdqa jew ir-ross mhux ipproċessat jinħadem biex minnu jsir ir-ross "ismar", ir-ross "abjad" u r-ross "mgħolli nofs sajran".

It-tipi ta' ross imkabbrin huma dawk mogħtija fit-tabella li ġejja, li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

| It-tip ta' ross | Lewn il-perikarpu | It-tul | L-għamla | Il-parti sferika tal-ħabba (forma ta' perla) | Titriż | Talja | Il-qatgħa trasversali | Ir-ras |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Arborio | Abjad | Twil | Għamla ta' nofs tond | Parti sferika ċentrali u estiża | Ma fihx titriż | Talja li tidher sew | Iċċattjata | Ras oblunga |
| Baldo | Abjad | Twil | Għamla li tidjieq kemmxejn | Ma fihiex forma ta' perla | Ma fihx titriż | Talja normali | Ittundjata | Ras normali |
| Balilla | Abjad | Qasir | Għamla tonda | Parti sferika fuq in-naħa tal-ġenb | Titriż qasir | Talja normali | Ittundjata | Ras qasira u ħoxna |
| Carnaroli | Abjad | Twil | Għamla li tidjieq kemmxejn | Parti sferika ċentrali u mġennba | Ma fihx titriż | Talja li tidher sew | Ittundjata | Ras oblunga |
| S. Andrea | Abjad | Twil | Għamla li tidjieq kemmxejn | Parti sferika ċentrali u mġennba | Titriż qasir | Talja normali | Ittundjata | Ras normali |
| Loto | Abjad | Twil | Għamla li tidjieq kemmxejn | Ma fihiex forma ta' perla | Ma fihx titriż | Talja normali | Ittundjata | Ras oblunga |
| Gladio | Abjad | Twil | Għamla li tidjieq ħafna | Ma fihiex forma ta' perla | Ma fihx titriż | Talja li bil-kemm tidher | Iċċattjata | Ras oblunga |

Minbarra l-karatteristiċi mogħtija hawn fuq, il-karatteristiċi bijometriċi u fiżjokimiċi li jservu biex jiġu identifikati u ddefiniti l-varjetajiet tar-ross ikkonċernati huma mogħtija fit-tabella li ġejja.

| | Id-daqs tal-ħabba | | Il-konsistenza | Il-glutinożità | Iċ-ċarezza tal-ħbub | Il-piż ta' elf ħabba | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | It-tul | Il-wisa' | f'kilogrammi għal kull ċentimetru kwadru | fi grammi għal kull ċentimetru | f'perċentwali | fi grammi | |
| | f'millimetri | f'millimetri | | | | Għar-ross ismar | Għar-ross abjad |
| It-tip ta' ross | Mhux ikbar minn | | Mhux inqas minn | Mhux ikbar minn | Mhux inqas minn | Mhux ikbar minn | |
| Arborio | 7,2 | 3,5 | 0,65 | 7,5 | — | 38 | 34 |
| Baldo | 7,2 | 3,2 | 0,61 | 7,5 | 50 | 35 | 31 |
| Balilla | 5,2 | 3,2 | 0,64 | 5,1 | — | 25 | 22 |
| Carnaroli | 7,0 | 3,4 | 0,86 | 3,2 | — | 35 | 31 |
| S. Andrea | 6,6 | 3,3 | 0,58 | 8,5 | — | 34 | 30 |
| Loto | 6,4 | 3,1 | 0,72 | 7,5 | 40 | 28 | 25 |
| Gladio | 7,0 | 2,2 | 0,86 | 1,5 | 70 | 22 | 20 |

Għall-valuri mogħtija hawn fuq hija permessa tolleranza ta' 10 %. Il-kejl tal-glutinożità jsir fil-Ħarifa meta jintemm il-ħsad tar-ross.

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

—

3.4. *L-għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *L-istadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika identifikata:*

Il-proċess kollu tal-produzzjoni tar-ross imsejjaħ "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese", jiġifieri t-tkabbir, il-ħsad, it-tħejjija u/jew l-ipproċessar tal-prodott tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini, għandu jsir fiż-żona tal-produzzjoni msemmija fil-punt 4.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.:*

Il-proċess kollu tal-ippakkjar jista' jseħħ biss taħt is-sorveljanza tal-entità tal-kontroll.

3.7. *Ir-regoli speċifiċi għat-tikkettar:*

Biex ikun jista' jinbiegħ, fuq il-pakkett il-prodott tad-DPO imsejjaħ "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" irid ikollu tikketta li turi l-isem eżatt tat-tip ta' ross imkabbar f'dik iż-żona u mhux isem ieħor ekwivalenti, anke jekk l-użu ta' dak l-isem ekwivalenti jkun awtorizzat mir-regoli applikabbli. Jitwettqu diversi tipi ta' pproċessar u ta' ppakkjar, skont is-suq li għalih ikun maħsub il-prodott.

Fuq il-pakkett għandhom ikunu stampati l-ismijiet li ġejjin:

— il-marka tad-DPO tal-Unjoni Ewropea;

— il-lowgo tal-prodott tad-DPO imsejjaħ "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese", li għandu jkun jista' jingħaraf b'mod ċar fuq il-pakkett mid-daqs u mil-lewn tiegħu, flimkien mal-marka tad-DPO msemmija hawn fuq;

— il-lowgos privati tal-imtieħen tar-ross u tal-azjendi tat-tfesdiq tar-ross, l-ismijiet tal-kumpaniji u l-ismijiet tal-varjetà.

Ma jistax jintuża kliem ta' tifħir jew kliem li jqarraq bil-konsumatur.

Il-lowgo tal-prodott tad-DPO imsejjaħ "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" huwa forma ta' ċirku, li fin-naħa t'isfel tiegħu għandu stampa ta' tlett iħbub tar-ross abjad dritti mpoġġija ħdejn xulxin, hekk kif is-soltu jintwerew lill-konsumaturi u hekk kif dawn jarawhom is-soltu. Fuq nett tal-ħbub wieħed jista' jara bħal spazju vojt żgħir li fih qabel ma r-ross jiġi pproċessat, ikun hemm l-embriju tal-kariosside tar-ross. Fl-isfond abjad tal-lowgo hemm stampa tal-grupp ta' qċaċet ta' muntanji msejjaħ Monte Rosa, li mill-glaċieri tiegħu jiġi l-ilma li minnu jissaqqa, b'mod dirett u ewlieni, ir-raba' mħawwel bir-ross taż-żona ta' Baraggia, li minnu jiġi, b'mod esklużiv, ir-ross tat-tip "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese". Minbarra l-lowgo, fuq nett insibu l-isem "Riso di Baraggia", filwaqt li taħt insibu l-isem tat-territorju amministrattiv irrappreżentat, jiġifieri "Biellese e Vercellese". Biex jinbiegħ, ir-ross tad-DPO msejjaħ "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" irid ikun f'pakketti ta' 0,25, 0,5, 1,0, 2,0, 5,0, 10,0 jew 25,0 kilogramma u jrid ikun f'basktijiet, f'basktijiet żgħar tad-drapp jew tal-plastik li jkunu adattati għall-ikel, f'termini tal-iġjene, jew f'kaxex magħmulin minn diversi materjali, dejjem jekk dawn ikunu awtorizzati skont il-liġijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-iġjene u tas-saħħa marbutin mal-ikel.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Iż-żona ġeografika tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini msejħa "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" tinsab fil-Grigal tar-reġjun ta' Piemonte fil-provinċji ta' Biella u Vercelli, u tinkludi t-territorji tal-ibliet u l-irħula ż-żgħar tal-muniċipalitajiet li ġejjin: Albano Vercellese, Arborio, Balocco, Brusnengo, Buronzo, Carisio, Casanova Elvo, Castelletto Cervo, Cavaglià, Collobiano, Dorzano, Formigliana, Gattinara, Ghislarengo, Gifflenga, Greggio, Lenta, Massazza, Masserano, Mottalciata, Oldenico, Rovasenda, Roasio, Salussola, San Giacomo Vercellese, Santhià, Villanova Biellese u Villarboit.

5. **Ir-rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika:*

Iż-żona tal-produzzjoni mogħtija fil-punt 4 tista' titqies bħala żona magħmula minn żona ewlenija waħda kkaratterizzata mid-diffikultà biex wieħed jinvella l-art, minħabba l-istruttura speċifika taflija u mimlija ħadid tagħha, li twassal għal livelli differenti ta' tgħaddis. Fattur ieħor huwa l-klima li hija kkaratterizzata minn xhur tas-sajf li huma pjuttost friski u minn bdil ta' spiss fit-temperatura minħabba r-riħ mill-muntanji. Barra minn hekk, minħabba li fiż-żona, li tinsab f'dejl l-Alpi, hemm għejjun ta' ilma kiesaħ, din tkun l-ewwel waħda li tissaqqa mill-ilma li jinżel mill-muntanji.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott:*

Il-karatteristiċi speċifiċi tar-ross tat-tip "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" huma li huwa tajjeb ferm għat-tisjir, li għandu konsistenza mill-aqwa u li m'għandux wisq glutinożità.

5.3. *Ir-rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi l-oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

Id-diversità ta' Baraggia u tar-ross minn din iż-żona kienu deskritti għal madwar ħamsin sena fil-ġurnal tat-tkabbir tar-ross imsejjaħ il-"Giornale di Risicoltura", li, mill-1912 sal-1952, kien jinħareġ ta' kull xahar minn dak li qabel kien l-Istitut Sperimentali għat-Tkabbir tar-Ross ta' Vercelli, li ta' spiss kien jippubblika artikli tekniċi u xjentifiċi dwar il-karatteristiċi partikulari taż-żona ta' Baraggia u tar-ross prodott fiha. Fl-1931 l-istess Istitut xtara kumpanija li tipproduċi r-ross li kienet tinsab fil-muniċipalità ta' Villarboit (fil-qalba taż-żona tat-tkabbir tar-ross ta' Baraggia) u użaha bħala ċentru tar-riċerka sabiex jipperfezzjona l-karatteristiċi speċifiċi tal-produzzjoni f'din iż-żona. Mill-1952 'il quddiem dan il-ġurnal ta' kull xahar ma baqax jinħareġ u minfloku l-Entità Nazzjonali għar-Ross imsejħa "Ente Nazionale Risi" bdiet toħroġ ir-rivista msejħa "Il Riso", li kien fiha diversi artikli li fihom issemmew il-karatteristiċi speċifiċi tal-kwalità tar-ross prodott f'din iż-żona. Minħabba l-karatteristiċi taż-żona tal-produzzjoni, ir-ross tat-tip "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" huwa tajjeb ferm għat-tisjir, għandu konsistenza mill-aqwa u m'għandux wisq glutinożità. Dawn il-karatteristiċi, l-konsumaturi kollha jagħrfuhom b'mod unanimu u, fost l-oħrajn, huma ġejjin mill-ammonti inqas tal-produzzjoni u minn ċikli tat-tkabbir li huma itwal minn dawk ta' varjetajiet oħrajn tar-ross f'żoni oħrajn.

Ir-ross ilu jitkabbar fiż-żona ddefinita ta' Baraggia sa mill-bidu tas-seklu sbatax u nsibuh imsemmi wkoll f'dokumenti tan-nutara tal-1606 tal-Muniċipalità ta' Salussola, li tinsab fiż-żona ddefinita.

Sa mill-bidu tas-seklu li għadda, ir-ross, li huwa prodott storiku fiż-żona ta' Baraggia, intuża wkoll b'mod simboliku f'avvenimenti pubbliċi, u saħansitra f'avvenimenti pubbliċi sportivi, l-iktar marbutin maċ-ċikliżmu, li fihom ħadu sehem ċiklisti kbar bħal Coppi, Bartali u Magni.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006)

Il-Ministeru nieda l-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni billi ppubblika t-talba għall-emenda tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini msejħa "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" fil-*Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana* tat-28 ta' Jannar 2008, li ġġib in-numru 23.

It-test kollu tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq is-sit tal-internet li ġej: http://www.politicheagricole.it/DocumentiPubblicazioni/Search_Documenti_Elenco.htm?txtTipoDocumento=Disciplinare%20in%20esame%20UE&txtDocArgomento=Prodotti%20di%20Qualit%E0>Prodotti%20Dop,%20Igp%20e%20Stg

Wieħed jista' jsibu wkoll billi jmur direttament fil-paġna ewlenija tas-sit tal-Ministeru (fl-indirizz http://www.politicheagricole.it) u jikklikkja fuq "Prodotti di Qualità" (fuq ix-xellug tal-iskrin), umbagħad fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE [regolamento (CE) n. 510/2006]".

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 56/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6130 – AXA IMPEE/NOVACAP) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ([1]) . . . . . 11

2011/C 56/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6121 – GEA Dutch Holdings BV/CFS Holdings BV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ([1]) . . . . . 12

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 56/09 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel . . . . . 13

2011/C 56/10 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel . . . . . 18

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT